MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 1688/2004

**Raymond Vella**

**vs**

**John Quintano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru, 2004 fejn intalab li l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u tletin centezmu (Lm505.30) (vide Dok A, Dok B, Dok C u Dok D rispettivament) rapprezentanti danni minnu kkagunati u subiti mill-attur in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'Rue D'Argens, Gzira, fit-23 ta' Marzu, 2004 meta waqt li huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAA 205 habat mall-vettura misjuqa mill-attur bin-numru tar-**

**registrazzjoni KAS 916 – prevja dikjarazzjoni li huwa kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 u bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru, 2004 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta' Settembru, 2004 fejn gie eccepit :**

**Illi t-talbiet ta' l-attur kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu billi :**
**a) Primarjament l-attur ma sofra l-ebda danni fl-incident stradali stante la ma jirrizultax li huwa s-sid tal-vettura in kwistjoni ;**
**b) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero' b'tort ta' Raymond Vella, sewwieq tal-vettura KAS 916, u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Raymond Vella u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**c) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni kif reklamati mill-attur huma esagerati.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Vella, W267 Samuel Micallef, John Quintano. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-23 ta' Marzu, 2004, f'Rue D'Argens, Gzira bejn il-vettura**

**numru ta' registrazzjoni KAS-916 misjuqa mill-attur u l-vettura EAA-205 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Skond kif hemm fit-Traffic Accident report l-attur kien stqarr li kien gej mid-direzzjoni ta' Gasan, qasam it-triq, u kif wasal biex jidhol hdejn tas-Citroen Showroom, l-konvenut baqa' hiereg, dahal go fih, u kif nizel qal lill-attur li kien mohhu lejn ix-xellug tat-triq. Il-konvenut da parti tieghu stqarr li kien waqaf hdejn is-showroom tas-Citroen, hares quddiemu, hares lejn ix-xellug u lejn il-lemin, ma kien gej xejn u hareg, meta l-attur ghadda minn quddiemu minflok minn warajh, peress li dan kien gej minn faccata.**

**3. L-attur qabel mal-iskixzz Dok.A ezebit. L-attur jikkonferma li kien gej mid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol minn faccata u kien gja qasam biex jidhol fit-triq ta' faccata. Jirrizulta li l-konvenut kien hareg minn fuq stop sign. L-attur kellu d-danni fil-bieba tieghu u l-bieba ta' wara.**

**4. Il-konvenut jghid li waqaf hdejn is-showroom tas-Citroen, u dam xi tletin sekonda fuq l-istop sign. Jghid li hares u ma kienux gejjin karozzi. Meta sehhet il-habta kien xi hmistax/ghoxrin metro l-boghod mill-istop sign, cioe kien gja hareg.**

**5. Mir-ritratt Dok.SM5 huwa evidenti li l-kollizzjoni sehhet wara li l-konvenut kien telaq minn fuq l-istop sign u meta l-attur kien wasal biex jidhol fit-triq li minnha kien hiereg l-konvenut.**

**6. Ma hemmx dubbju li min hiereg minn fuq stop sign ghandu jezercita l-massima kawtela sabiex jassigura ruhu li jista' johrog minghajr ma jkun ta' xkien ghat-traffiku li jkun ghaddej. Mill-provi mismugha, u specjalment mill-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-incident, jirrizulta li ghalkemm ma hux eskluz li l-konvenut hares sija lejn ix-xellug u sija lejn il-lemin, u ma kienx attent ghat-traffiku li seta' jkun gej minn faccata, cioe minn fejn kien gej l-attur. L-attur ukoll da parti tieghu seta' jara ben tajjeb l-vettura tal-konvenut li kienet fuq is-stop sign faccata tieghu. L-attur ipproceda kif seta' jaghmel fid-dritt. Tenut kont ta' fejn sehh l-impatt hu evidenti li l-attur kien gja ezercita l-parti l-kbira tal-manuvra tieghu biex jidhol fit-triq li minnha kien hiereg il-konvenut, meta dan ta'**

**l-ahhar iddecieda li johrog. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**
**7. Dwar id-danni ma hemmx kontestazzjoni (verbal tat-28 ta' Jannar, 2005), u dawna jirrizultaw fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u tletin centezmu (Lm505.30), bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Settembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------